**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 3 ta' Lulju 2002**

**Numru 17**
**Citaz. Nru. 2726/97 FDP**

**John u Geraldine konjugi Portelli**

**Vs**

**Carmelo sive Charles u Filippa konjugi Bezzina**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-atturi joqghodu fil-fond "Tamarisk" 12, Triq il-Kanonku Carmelo Pirotta, Birkirkara

filwaqt li l-konvenuti joqghodu fil-fond 13, Triq il-Kanonku Carmelo Pirotta, Birkirkara;

Premess illi l-konvenuti ghandhom zewg terrazzini f'livelli differenti pero` oghla mill-bejt ta' l-atturi u l-opramorta min-naha tal-konvenuti fil-livelli taz-zewg terrazzini hija inqas mill-gholi preskritt mil-ligi u cioe` inqas minn sitt piedi mil-livell tal-bejt ta' l-atturi;

Premess illi skond il-ligi l-konvenuti ghandhom jghollu l-istess opramorta fiz-zewg livelli tat-terrazzini ghal sitt piedi f'kull livell u kull terrazzin li jaghti ghal fuq il-bejt ta' l-atturi;

Premess illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati diversi drabi biex jaghmlu dan baqghu inadempjenti;

Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jghollu l-opramorta fil-livelli taz-zewg terrazzini li jaghtu ghal fuq il-bejt u l-gnien ta' l-atturi u cioe` ghal fuq il-fond "Tamarisk" 12, Triq il-Kanonku Carmelo Pirotta, Birkirkara ghall-gholi ta' sitt piedi a tenur tal-ligi;

2. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu l-imsemmi xoghol a spejjez tal-konvenuti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-12 ta' Novembru 1997;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha huma eccipew:-

1. Illi it-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma huwiex tenut kont skond il-ligi li jeffettaw dawn ix-xoghlijiet li allegatament l-atturi qeghdin jippretendu li l-konvenuti jaghmlu;

2. U illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti qatt ma ghandhom jehlu l-ispejjez tal-kawza jew tax-xoghlijiet tant li l-istess atturi jistghu facilment jaghmlu dawn ix-xoghlijiet a spejjez taghhom skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Ottubru 1998 li permezz tieghu gie nominat l-perit arkitett Rene` Buttigieg bhala espert tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi espert tekniku li jinsab a fol 25 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tat-2 ta' Frar 2001;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi il-kontendenti ghandhom zewgt idjar fi Triq il-Kanoniku Carmelo Pirotta f'Birkirkara li jmissu ma' xulxin, u l-konvenuti fil-fond taghhom ghandhom zewg terazzini; il-vertenza ta' dina l-kawza hija proprju l-gholi tal-hajt divizorju bejn dawn it-terazzini tal-konvenuti u l-proprjeta` ta' l-atturi;

Illi harsa lejn il-process u senjatament lejn is-seduti peritali u anki r-rapportipprezentat juru illi l-partijiet oltre t-talba cara u espressa tac-citazzjoni ghazlu illi jidhlu f'hafna dettalji dwar l-appogg u l-hlas tieghu li pero` ma jidhru li huma bl-ebda mod konnessi ma' l-atti tal-kawza; it-talba tidher cara hafna biex il-konvenuti "*fi zmien qasir u perentorju joghllu l-opramorta fil-livell taz-zewg terazzini ghall-gholi ta' sitt piedi a tenur tal-ligi*". Ghalhekk ma kienx il-kaz li jinhlew dawk is-seduti kollha u dawk l-ispejjez proprju biex il-partijiet jivventilaw il-posizzjonijiet taghhom dwar l-appogg illi jidher li ghadu mhux determinat bejniethom. Anki l-eccezzjonijiet jikkonfermaw dan li qed jinghad u

fiha ma saret l-ebda referenza ghall-hlas ta' spejjez ta' appogg; il-vertenza hija limitata esklusivament ghall-gholi tal-hitan divizorji in kwistjoni;

Illi dwar dan irrizulta li l-konvenuti hadu l-passi biex jipprovaw jottemperaw ruhhom mar-rikjesta ta' l-atturi u anki ghollew xi parti mill-hajt pero` ma jidhirx li dina giet mghollija ghal-livell mitlub mil-legislatur;

Illi dwar il-punti sollevati f'din ic-citazzjoni, l-espert tekniku kkonstata "*illi l-opramorta fuq il-bejt tal-konvenut, il-hajt divizorju, in-naha ta' l-attur, ma tikkonformax mal-gholi preskritt skond il-ligi*";

Illi oltre l-imsemmi bejt tal-konvenut hemm ukoll fil-fatt terazzin separat u dwar dan l-istess relatur ikkonstata "*illi anke fit-terazzin, fl-ewwel sular, il-hajt divizorju kkonsidrat bhala opramorta tat-terazzin, separanti dan it-terazzin mill-gnien ta' l-attur ma jikkonformawx ma' l-gholi preskritt skond l-istess artikolu tal-ligi.*";

Illi min-naha tal-konvenut jidher illi ghalkemm ma huwiex qieghed jikkontesta li l-hitan divizorji kontestati mill-atturi ma humiex ta' l-gholi rikjest, ressaq anki lill-perit tieghu AIC Richard Aquilina illi qal "*ikkonsultani wkoll fuq l-gholi ta' l-opramorta u ghidtlu li jkun perikoluz hafna specjalment ghall-gara jekk din tghola sat-tliet piedi rikjesti mil-ligi ...*"; dwar dina l-opinjoni espressa mill-perit Aquilina, l-abbli relatur ma ghamel l-ebda osservazzjoni pero` fil-

konkluzjonijiet tieghu huwa stqarr illi t-talbiet ta' l-atturi "*jimmeritaw li jigu milqugha u l-konvenuti jigu mgeghla jghollu l-opramorta fil-livell tat-terazzin fl-ewwel sular u fil-livell tal-bjut ghall-gholi ta' metru u tmenin centimetru kif preskritti mil-ligi.*"

Ghalhekk il-Qorti, stante li ma tarax li hemm ebda raguni 'il ghala ghandha tidhol f'punti ohra *toto coelo* differenti minn dawk soggetti ta' dina c-citazzjoni, tikkonsidra li kemm mir-rapport peritali u mix-xhieda prodotti kif ukoll anki mir-ritratti prodotti jidher li l-konvenuti ghadhom ma ottemperawx ruhhom ma' dak mitlub mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;

Tilqa' l-Ewwel Talba u tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien sitt (6) xhur minn meta din is-Sentenza tghaddi in gudikat, jghollu l-opramorta fil-livell taz-zewg terazzini ghall-gholi ta' metru u tmenin centimetru (1.80m) mil-livell tal-bejt, liema xoghol ghandu jigi ccertifikat li sar mill-Perit ta' l-istess konvenuti AIC Richard Aquilina;

Tilqa' wkoll it-Tieni Talba u tawtorizza lill-atturi biex, fil-kaz li l-konvenuti ma jottemperawx ruhhom mad-decizjoni dwar l-Ewwel Talba fi zmien hemm moghti, jaghmlu l-imsemmi

xoghol a spejjez tal-konvenuti u dan bl-opera tal-perit AIC Rene` Buttigieg.

L-ispejjez, in vista ta' dak li ntqal aktar 'il fuq dwar il-gbir tal-provi jithallsu zewg terzi mill-konvenuti u terz mill-atturi.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur